**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 76

<u>It-Tnejn 4 ta' Ġunju2018</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinstab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudippresedjat il-laqgħa.

## 76.1 Introduzzjoni

76.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.00hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

76.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 75 tal-11 ta' Mejju 2018.

76.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm fuq il-minuti u fuq proposta tas-Sur Salvu Farrugia sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia minuti nr 75 tal-11 ta' Mejju 2018ġew approvati unanimament.

## 76.2 Punti mqajma mill-minuti

76.2.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet kif bqajna fuq tal-Villaġġ fejn dan għadu qed joħroġ il-bistro tables barra fuq il-bankina bla permess.

76.2.2 Hija qalet li ser nagħtu ċans u naraw fil-weekend li ġej u jekk jibqa' hekk għandna nirraportaw lill-Pulizija.

76.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq iz-zebra crossings ta' Triq Robert Mifsud Bonnici u ta' Vjal it-Transfiguration fejn qalet li meta morna 'on site' dawn ma jistgħux isiru għax biex isiru bilfors irid jitneħħa parking space.

76.2.4 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li b'insistenza ta' residenti fi Triq Robert Mifsud Bonnici, s-sleeping policeman ta' din it-triq trid titneħħa u xi partijiet minna jistgħu jintużaw għar-rampa ta' Transfiguration Avenue meta din tiġi approvata kemm min Transport Malta kif ukoll mir-residenti li talbuha.

76.2.5 Ir-rampa ta' Triq Robert Mifsud Bonnici kienet ġiet approvata li ssir mill-Kunsill peress li kienu qed isiru ħafna aċċidenti fil-crossroad bejn Transifugration Avenue u din it-triq. Din ir-rampa ġiet tiswa lill-Kunsill €800.00

76.2.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq ir-rampa ta' Triq il-Kbira fejn hemm parti minna nieqsa, fejn resident qed jitlob li din tinqasam u mhux titwaħħal waħda sħiħa biex fin-nofs ikun vojt minħabba l-ilma u anke minħabba l-karozzi stess għax fil-ġnub xi kultant qed iħokku mal-faċċata tad-djar.

76.2.7 Fuq ir-rampa ta' Transfiguration Avenue, il-Kunsill iddeċieda li ssir rampa waħda biss u l-pass li jmiss huwa li għandna nistaqsu li minaċċetta din ir-rampa li ssir biex naraw jekk jaċċettax li titwaħħal quddiem il-bieb tiegħu.

76.2.8 Fuq ix-xogholijiet tat-tiswijiet tal-floodlights fil-ġnien, is-Segretarju nfurmat li l-kuntrattur tad-dawl qal li peress li l-kuntrattur tal-ġonna dam ma għamel ix-xogħol li kien hemm bżonn jagħmel biex ikun jista jagħmel ix-xogħolijiet fuq il-flood lights, huwa qal li sadanitant huwa qabad biċċa xogħol oħra.

76.2.9 Is-Segretarju nfurmat li l-kuntrattur tad-dawl ser ikompli x-xogħolijet fuq il-flood lights wara it-18 ta' Ġunju 2018.

76.3. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST**

76.3.1Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li qabel il-laqgħa tal-Kunsill, hija kellha laqgħa mal-kumpanija li kienet għamlet ir-rubber flooring tal-play area iż-żgħir biex naraw x'jista jsir biex jitranġa l-ground proviżorjament u anke in-naħa tal-bandli.

76.3.2 Hija nfurmat lill-Kunsill li huwa ser jagħtina kwotazzjoni tal-ground iż-żgħir peress li dan irid jinqala kollu.

76.3.3 Dan l-espert qal li l-playarea nistgħu nsalvawh billi nixtru iktar tiles tar-rubber. Għandu jagħti kwotazzjoni fuq dan ukoll.

76.3.4 Is-Sindku qalet li għandna nappillaw ma' l-Awtoritajiet minnħabba l-influs tat-traffiku li ser jgħaddi minn Ħal Lija meta tinfetaħ it-triq ta' Ħ'Attard.

76.3.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija kienet tkellmet mal-Blokrete biex dan jagħtina kwotazzjoni biex jintlew it-toqob proviżorjament ħdejn iċ-ċimiterju ta' l-Abbati pero din il-kumpanija rreferietna għand kumpanija oħra.

76.3.6 Is-Segretarju nfurmat li dakinhar stess irċevejna fl-uffiċċju biex il-Kunsill jagħti 'no objection' tiegħu għax ser issir Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela mill-Gvern Ċentrali flimkien ma' Triq Fernand Gregh.

76.3.7 Is-Segretarju nfurmat li kienet qed tipprova tagħmel kuntatt mal-Perit fuq dawn iż-żewġ toroq biex tara meta ser isiru peress li hija kienet infurmata li għad trid toħroġ u tingħata t-tender fuq dawn ix-xogħolijiet.

76.3.8 Request mingħand residenta li toqgħod fi Triq Preziosi no 51 ħdejn Philmar store. Ħdejn il-bieb tagħha hemm fergħa żgħira imħawla fit-triq isserrah mal-ħajt. Biex tipproteġi din il-fergħa. Hija xtaqet tagħmilha f'pot żgħira biex tiġi qisha ħwat, jmiss mal-ħajt bla ma jkun ta' ostaklu. Hija qed titlob il-kunsens tal-Kunsill.

76.3.9 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u għalkemm qal li legalment mhux suppost issir ħawt ħdejn il-bieb pero il-Kunsill ser jagħti permess biex għalinqas din il-pjanta proviżorjament tiġi protetta b'xibka madwarha.

76.3.10 Request mingħand resident biex mal-Barumbara terġa titwaħħal tabella 'no waiting'. Huwa qal li xi darba mal-barumbara fejn bħalissa hemm mera tat-traffiku kien hemm tabella 'no waiting'. Din it-tabellla hija ta' bżonn għax għalkemm hemm id-double yellow lines in-nies li jkunu b'mod speċjali sejrin għand l-ispiżjara xorta jiefqu jipparkjaw hemmhekk.

76.3.11 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u approva li din għandha ssir ovvjament bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

76.3.12 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet request mingħand ta' l-Armar biex issir bollard li tkun tinqala, għal tlett xhur bejn Ġunju u Awwissu ħdejn il-maħżen ta' l-Armar għax għandhom problema peress li għalkemm hemm double yellow lines u notices xorta waħda jipparkjaw.

76.3.13 Il-Kunsill qabel li għandha ssir bollard li tkun tinqala' u anke ssir notice li għal dawn it-tlett xhur isiru signs biex ma jipparkjax lejl u nar għal dawn it-tlett xhur Ġunju, Lulju u Awwissu.

76.3.14 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li residenta minn Triq il-Forn qed toġġezzjoni li ta' l-armar waħħlu l-arblu ħdejn ir-residenza tagħha.

76.3.15 Is-Sindku qalet li hija ser tistaqsi lil ta' l-Armar biex tara eżatt fejn irid jeħel dan l-arblu biex wara nkunu nistgħu nitkellmu ma' din ir-residenta li qed toġġezzjona.

76.3.16 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet lill-Kunsill kif kienu diga jafu, li s-Sinjorina Pamela Borg ser tattendi għall-book keeping Course fejn fl-aħħar ikollha eżami ta' City & Guilds.

76.3.17 Wara li Pamela tispiċċa dan il-kors hija ser tieħu ħsieb ix-xogħol ta' book keeping fil-Kunsill lokali ta' Ħal Lija.

76.3.18 Is-Segretarju ressqet request biex il-Kunsill japprova li dan il-Kors tattendi ukoll għalih il-part-time Clerk, peress li hija interessata u fl-assenza ta' l-Executive Officer tkun tista taħdem ukoll fuq il-booking tal-Kunsill, il-part-time clerk. Dan il-course jiswa' €175.00 kull wieħed .

76.3.19 Il-Kunsill approva li l-part-time clerk tattendi għal dan il-kors u l-eżami diment li l-ġranet u l-ħinijiet tal-kors ma jkunux l-istess.

76.3.20 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li proċess għall-Segretarju Eżekuttiv ġdid inbeda fejn infurmat li tlestiet l-*advert* li trid tidher fil-gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2018.

76.3.21 Ikun hemm *ten working days* fejn il-Kunsill ikun jista jirċievi applikazzjonijiet u irid jinħatar il-bord biex ikunu jistgħu jsiru l-interviews.

76.3.22 Is-Segretarju nfurmat li student jixtieq jagħmel is-SOK project fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.

76.3.23 Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għal dan pero is-Sindku qalet li hemm xi ħadd mill-housing Estate li kien talab biex jagħmel summer work ġol-Kunsill.

76.3.24 Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw il-persuna l-oħra min hi peress li dokumenti fuqha qatt ma waslu l-Kunsill pero qabel li għandna naċċettaw lit-tnejn li huma.

76.3.25 Resident, li joqgħod Triq Preziosi, sqaq no 2. qed jitlob biex l-isqaq issir bit-tarmac li joqgħod fih li jiġi wara Villa Francia.

76.3.26 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li, l-Kunsill ma jieħux fondi għall-isqaqien hija peress li ġo Ħal Lija ma jiġux biżżejjed turisti.

76.3.27Is-Sindku qalet li turisti għandna kemm trid peress li għandna l-University Residence, jattendu xi 10,000 ruħ għal festa, turisti tad-diplomata u anke it-turisti ta' 'meet the locals'

76.3.28 Il-Kunsill qabel li għandha nistaqsu lill-Perit għal costings ta' kemm jiġi jiswa dan l-l-isqaq bil-konkos jew concrete fejn hemm maqlugħ.

76.3.29 Għal dan il-proġett il-Kunsill qabel li għandu jsir mill-fondi tar-Reġjun.

76.3.30 Is-Segretarju tkellmet fuq is-sitwazzjoni finanzjarja fejn hija qalet li dan l-aħħar infaqqna ħafna fuq ir-resfreshing tal-lines matul ir-raħal kollu, anke tal-kirja tal-van u l-pot holes.

76.3.31 Id-deċiżjonijiet fuq xogholijiet li qed jittieħdu huma kważi kollha proviżorjament allura li dawn huma ukoll *money down the drain*.

76.3.32 Hija qed tgħid li l-Kunsill xorta waħda jrid joqgħod attent kif jintnefqu l-flus biex ma nerġgħux nispiċċaw b'deficit.

76.3.33Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ permessi li rċevejna mill-TM dwar żewġ toroq li ser isiru ġo Ħal Lija waħda:-RWP10834/18Triq Fernand Gregh kif ukoll RWP1 0946/18 – Trejqet Kjeriku Gakbu Abela.

76.3.34 Hija kkonfermat li għamilna 'No Objection' lit-TM fiż-żew każi għaż-żewġ toroq.

76.3.35Tressqet talba li ġiet milqugħha mit-TM rigward Triq Preziosi quddiem id-dar Madonna ta' Pinu ġew approvati double yellow lines quddiem il-gate ta' dar ta' resident pero jekk isiru dawn il-linji jiċċeken il-parking u jintilef. Għalhekk il-Kunsill irid jideċiedi jitneħħiex il-parking jew le u jsir motorcycle bay biex ma jintilifx.

76.3.36Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill u l-Kunsill qabel li parking mhux ser jintilef għax hija kejlet bil-karozza tagħha.

76.3.37 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kellha request mingħand xi residenti ta' Triq Carmelo Farrugia għal xi motorcycle bays.

76.3.38Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li hija flimkien mas-Segretarju kienu marru 'on site' u assolutament m'hemmx fejn dawn isiru.

76.3.39 Ġie deċiż li għandu jiġi ċċekkjat jekk fi Triq Nicholas Cottoner hemmx post biex isiru motorcycle bays.

76.3.40Għal dan għandhom imorru s-Segretarju u l-Minority Leaderis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

76.3.41 Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsilltelefonata li rċevjena mingħand residenta rigward PC 00052/12proġett kbir f'tal-Mirakli Area fi Triq Kardinal Ferretti, Triq Salvu Mifsud, Triq il-Maħlut, Triq Carmelo Farrugia u Triq Annibale Preca.

76.3.42Din ir-residenta tixtieq li jsir public Consultation minħabba li huwa proġett kbir. Dan għadu stage ta' PC.

76.3.43Għandna nidhlu fuq is-site u naraw il-Perit u l-iżviluppatur tagħhom min huma u neħduha minn hemm. Jekk ma naslux hekk għandna ngħidu lill-Perit tagħna.

76.3.44 Meta naslu u ikollna update issir *public consultation*.

76.3.45Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill talba għal KEEP CLEAR quddiem l-entratura tal-garage tal-University Residence fejn għandom laundry room għax kull darba jsibu l-karozzi pparkjati kemm quddiem il-garage kif ukoll fi drive-in.

76.3.46 Din ir-request ġiet approvata mill-Kunsill.

76.3.47 Is-Segretarju nfurmat li trid tiġi diskussa it-talba ta' sleeping policeman fi Vjal it-Transfigurazzjoni.

76.3.48 Il-Kunsill qabel li s-sleeping policemangħandha ssir waħda biss.

76.3.49 Is-Sindku qalet li minbarra li għandna nistaqsu lis-sinjuri li aċċetaw li għandha ssir sleeping policeman, għandna ukoll nistaqsu lis-sinjura ta' faccata jekk taċċettahiex ukoll li tista ssir quddiem ir-residenza tagħhom.

76.3.50 Din għandha ssir b-email biex ir-risposta tingħata bil-miktub.

76.3.51 Is-Sindku ressqet e-mail mingħand ir-Reġjun fuq sejħa għal Servizz ta' Pre-press, stampar, binding, clipcase, ippakkjar u kunsinna ta' ktieb illustrat.

76.3.52 Is-Segretarju qalet li nistgħu nagħtu il-publication tal-ktieb li nħareġ minn Salvu Sammut 'Hal Lija fi tfuliti' imma l-Kunsill qal li din l-email qed tirreferi għall-publications li kienu joħorġu qabel Leħen il-Kunsill għalhekk m'għandix peress li din ir-rivista m'għadiex toħroġ.

76.3.53 Talba mressqa mill-Kunsilliera Lorraine Farrugia rigward tneħħija ta' Reserved Parking fi Triq Ħal Bordi wara li min kien qiegħed jużha għadda għall-ħajja ta' dejjem.

76.3.54 Il-Kunsill approva din ir-request biex titneħħa din ir-reserved u isir parking u motorcycle bay minflokkha.

76.3.55 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill risposta tal-Management Letter għall-approvazzjoni. Din ir-risposta kienet diġa ntbagħtet b'email lill-Kunsilliera.

76.3.56 Il-Kunsilliera approvaw din ir-risposta.

76.3.57Il-Kunsilliera s-Sinjorina Lorraine Farrugia tixtieq tressaq żewġ prezzijiet ta' żewġ vannijiet għax-xoghol tal-Kunsill. Wieħed huwa van Toyota għal prezz ta' €2,500.00 u l-ieħor van Hiliux għal prezz ta' €3,550.00.

76.3.58 Ġie deċiżli għandu jiġi kkuntatjatil-mechanic biex jagħtina parir fuq dawn il-vannijiet filwaqt li s-Sur Massimo Scerri ssuġġerixxa lil xi ħaddieħor min ikun jista' jaqdina.

76.3.59 Is-Segretarju għadha tiġbor iktar informazzjoni fuq dawn il-vannijiet bħal kemm ilhom fi triq.

76.3.60Is-Sindku staqsiet jekk irċevejniex xi korrispondenza fuq il-proġett screening tas-smiegħ ta' ear testing li l-Gvern qed iħejji għar-residenti kollha fil-Kunsilli kollha ta' Malta.

76.3.61 Is-Segretarju nfurmat li sa dakinhar ma konna irċevejna xejn.

76.3.62 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet kemm hi diskustata bis-servizz tal-kuntrattur tal-ġonna.

76.3.63 Hija qalet li fil-ġnien ħlief tiben m'hemmx u ħaxix ħażin kullimkien.

76.3.64Is-Sindku qalet li mhux ser taċċetta aktar li l-kuntrattur isaqqi bil-bowser, fil-ġnien hemm pompa u t-tisqija suppost issir minn hemm.

76.3.65 Ġie deċiż li nagħtu warning lil dan il-kuntrattur u li għandu jiġi mistieden biex jattendi għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

76.3.66Fuq il-kuntrattur tal-knis, il-Kunsill qed jirċievi ħafna ilmenti ukoll.

76.3.67 Il-Minority Leader, is-Sinjorina Lorraine Farrugia, inssistiet li hemm bżonn isir weeding u kinsa tajba fil-pjazzetta ta' Geraldu Azzopardi għalhekk hija qed tisuġerixxi li għandhom isiru 'no parking signs' f'din it-triq meta ikunu ser isiru dawn ix-xogħolijiet.

**Proġetti li ser isiru mill-fondi tal-UIF**

76.3.68 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-fanali fir-raħal fejn kellna naraw x'hemm fanali biex jinbidlu.

76.3.69 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li hija kienet daret ir-raħal kollu u għandha lista ta' x'fanali jridu jinbidlu triq triq u fejn hemm bżonn li jiżdiedu.

76.3.70 I-Sindku għandha tibgħat din il-lista ta' fanali triq triq biex tiġi approvata mill-Kunsill kif ukoll is-Sinjorina Lorraine Farrugia u l-Kunsill approva li trid tizdied il-lista ghal-fanali godda.

**Update fuq l-Erasmus**

76.3.71 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tat update fuq il-proġett ta' l-Erasmus. Hija qalet li għadha qed tifittex LSA li jkollha VAT receipt book biex tkun tista tkun mal-grupp li ser imorru l-Polonja f'Ottubru.

76.3.72 Is-Sindku, ser tipprova issib LSA hi ukoll għal dan il-proġett.

76.3.73 Is-Sinjorina Cutajar infurmat lill-Kunsill li l-APV meeting kważi *settled* u sejrin mit-28 ta' Ġunju 2018 sa l-1 ta' Lulju 2018.

76.3.74 Hija kompliet tgħid li qed jiġi ċċekkjat il-programm biex meta titla għall-APV meeting tkun taf bejn wieħed u ieħor fejn ser tieħu lill-istudenti.

76.3.75 Hija qalet ukoll li ser tipprova ssib *restaurant* biex forsi tkun tista tħallas għall-ikel minn qabel ma jsir il-proġett ta' l-Erasmus.

76.3.76 Is-Segretarju nfurmat ukoll li b'arranġament mal-leader tal-Grupp, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Stephanie Cutajar, għal dan il-weekend hija ser tħallas l-ispejjes u wara ġġib l-irċevuti u jiġi *refunded* lilha l-flus li tkun nefqet fuq dan il-weekend.

## 76.4 JUM ĦAL LIJA

76.4.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tat *update* fuq Jum Ħal Lija fejn qalet li hija bdiet tagħmel il-kuntatti, qalet ukoll li ser nerġgħu nikru l-kanezzati u important li jkollna dawl tajjeb fil-ġnien.

76.4.2 Hija għamlet xi kuntatti maż-żeffiena u anke ta' l-stalls ta' l-ikel internazzjonali.

76.4.3 Hija ser tipprova ġġib grupp ta' tlett għannejja għal xi tletin minuta.

76.4.4 Is-Sindku, s-Sinjura magda Magri Naudi nfurmat ukoll li ser tistaqsi lill-Club tat-Tennis biex għal Jum Ħal Lija jagħmlulna pjaċir u jħallu t-tennis court jixgħel għal xi nofs siegħa aktar mis-soltu.

76.4.5 Is-Sindku tixtieq li nallokaw somma flus għal din l-attivita biex jinxtraw il-plakkek għal Ġieħ Ħal Lija u biex jingħataw xi tokens lil xi nies.

76.4.6 Is-Sindku qalet li bħas-soltu ser issir il-quddiesa ta' ringrazzjament u ser nistiednu lil Rachell Lowell u Nathaniel biex ikantaw fil-quddiesa u lil Andrea bl-organ.

76.4.7 Ser issir flyer u ser titqassam bieb bieb.

76.4.8 Barra minn hekk dan l-artiklu ser jidher fuq il-Bizzillamagazine ta' l-Air Malta.

76.4.9 Is-Segretarju ppreżentat nomina waħda mill-każin tal-banda San Pio X għal Ġieħ Ħal Lija.

76.4.10 Wara li l-Kunsill iddiskuta lil min huma jixtiequ jagħtu dan il-ġieħ, ġie deċiż li għalkemm kien ħa deċiżjoni biex jingħata Ġieħ Ħal Lija lil persuna waħda, għal din is-sena biss iddeċieda li tingħata għal tnejn minn nies peress li s-sena l-oħra ma ngħatax l-ebda ġieħ.

76.4.11 Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li tingħata l-ġieħ lil min ippropona l-Każin Banda San Pio X u lil min iddeċieda l-Kunsill.

76.4.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex għal din is-sena terġa torganizza ġurnata għal Għawdex u Kemmuna l-Ġimgħa 10 ta' Awwissu 2018.

76.4.13 Il-Kunsill qabel li għandha ssir din l-attivita' u ser tintbagħat l-informazzjoni lir-residenti bieb bieb mal-flyer ta' Jum Hal Lija.

76.4.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, qalet ukoll important li minn issa nibdew naħsbu biex jinxtraw it-tiżjin tal-Milied biex jiġu armati xi toroq.

76.4.15 Il-Kunsill iddeċieda li rrid jinstab kuntrattur tad-dawl biex isiru dawn ix-xogħolijiet.

## 76.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

76.5.1 Tweġibiet u mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kienx hemm.

## 76.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH

76.6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamentigħax-xahar ta' Ġunju 2018.

76.6.2 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2018ġew approvati unanimament.

76.6.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mill-Vici Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-petty cash għax-xahar ta' Ġunju 2018 ġiet approvata unanimament.

## 76.7 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

76.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-07.20p.m.uġiet aġġornata għal laqgħa li ser issir nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju 2018,fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv